# NOMINA TAS-SA ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI ĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR MHUX RESIDENTI GĦALL-BULGARIJA

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. **X'taħseb li huma l-isfidi li għandha l-Bulgarija? U kif qegħda tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f'dan il-pajjiż? X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar ambaxxatur?**

Matul l-aħħar tliet deċennji Il-Bulgarija għaddiet minn trasformazzjoni sinifikanti. Imxiet minn ekonomija ppjanata u ċentralizzata ħafna għal ekonomija miftuħa, ibbażata fuq is-suq, bi dħul medju superjuri, u ankrata b'mod sikur fl-Unjoni Ewropea.

Id-dhul tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea (UE) qajjem aspettattivi kbar għan-nies, b'mod partikulari fil-livell tal-għajxien li għola malajr f'perjodu ta' żmien relattivament qasir; livell li tela' għal-livelli medji tal-UE. Il-momentum tar-riforma tal-Bulgarija kien inizjalment robust u rapidu. Madankollu, dan batta sew wara sensiela ta' kriżijiet esterni—inkluża l-kriżi finanzjarja globali (GFC), il-kriżi tad-dejn Ewropew, il-pandemija tal-Covid-19 u l-invażjoni tar-Russja tal-Ukrajna. Ma dawn hemm ukoll aspetti interni, bħan-nuqqas ta' stabbilita` tal-gvern: fl-aħħar ftit snin saru diversi elezzjonijiet fejn l-ebda partit ma ġab il-maġġoranza. Dan kollu irriżulta f'nixfa ta' investiment barrani, u d-dewmien fil-progress tar-riformi. Ma dan, naqas ukoll ir-ritmu tal-konverġenza lejn dħul medju tal-UE. Hemm ukoll l-aspett inflazzjonarju, li qiegħed inaqqar mit-tkabbir tal-ekonomija.

L-isfidi strutturali fit-tul li qed tiffaċċja l-Bulgarija jinkludu fost l-oħrajn, xejriet demografiċi negattivi. Is-soċjetà Bulgara qegħdha tixjieħ, u ir-rata tat-twelid dejjem qegħda dejjem tonqos; eluf ta' żgħażagħ qeghdin ukoll jitilqu għax m'humiex qegħdin jaraw futur f'pajjiżhom stess.

Hemm ukoll djufijiet istizzuzzjonali u ta' governanza. Lakuni istituzzjonali fis-servizz pubbliku spiċċaw fixklu l-espansjoni tas-settur privat, u hemm inugwaljanzi dejjem jikbru fit-tqassim tal-ġid li jiġġenera l-pajjiż. Hemm rati għoljin ta' inugwaljanza f'dak li huwa aċċess għal servizzi pubbliċi, u naqset il-kapaċità tal-individwi li jaħarbu mill-faqar.

Ma dawn inżid ukoll li fl-aħħar snin, iż-żieda ta' reati kriminali saret problema soċjali serja.

F'każ li niġi fdata bil-kariga ta' ambaxxatur, il-binarji li nemmen li nista' nikkontribwixxi għalihom jnkludu l-aspetti:

a) Kulturali

b) Ekonomiċi

c) Edukattivi

d) Soċjali

e) Turistici

a) L-aspett kulturali

Hawnhekk nara opportunitajiet tajbin ħafna għal skambji u kollaborazzjoni bejn artisti, u inizjattivi kulturali oħra bejn iż-żewġ pajjiżi; Il-Bulgarija għandha storja u kultura rikka ħafna; nemmen li hemm opportunitajiet kbar biex iż-żewġ pajjiżi ikabbru l-għarfien ta’ xulxin, bil-vantaġġi li dan l-iskambju jista’ jġib miegħu.

b) L-aspetti ekonomiċi

Il-Bulgarija toffri opportunitajiet biex negozji Maltin jimirħu f’dan il-pajjiż fl-Unjoni Ewropea f’diversi oqsma. Jista’ jkollhom aċċess ikbar għal swieq li għadhom qed jiżviluppaw u li għandhom valur miżjud għoli, bħat-turiżmu, l-informatika u t-telekomunikazzjoni, u il-farmaċewtika.

c) L-aspett edukattiv

Hemm opportunitajiet fil-qasam tat-tagħlim tal-Ingliż fil-Bulgarija, u hemm għatx dejjem jikber għal nies imħarrġa fl-użu ta’ din il-lingwa. Dan apparti potenzjal għal skambji fuq livell ta’ riċerka.

d) L-aspett soċjali

Hemm bżonn ikun hemm iżjed għarfien ta’ dan il-pajjiż u niesu. Anke għaliex in-numru ta’ ċittadini Bulgari li qed jaħdmu f’Malta qiegħed dejjem jikber.

e) L-aspett turistiku

Hemm opportunitajiet tajbin ħafna f’dan is-settur: kemm għall-investiment, kif ukoll għall-turisti Bulgari li iżuru Malta, u Maltin li jżuru l-Bulgarija.

**2. Bħala Ambaxxatur mhux Residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista’ jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn il-Bulgarija u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?**

Is-suċċess jiddependi fuq kemm tkun taf il-pajjiz, kif ukoll il-kuntatti li jiġu żviluppati u mantnuti tul is-snin. Minħabba l-fatt li f’dawn l-aħħar tmien snin jiena żort il-Bulgarija kemm -il darba, nemmen li dawn l-esperjenzi jistgħu jgħinuni biex niffaċilita l-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi. Inħoss li l-kuntatti li bnejt matul is-snin jistgħu ikunu xprun tajjeb għal iktar kollaborazzjoni u investiment.

Nemmen ħafna li l-isfidi jistgħu jissarrfu f'opportunitajiet. Fost dawn hemm skambji kulturali li jgħinu biex jippromwovu għarfien aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi. Nemmen li dan huwa l-pedament għal relazzjonijiet politiċi u soċjali iktar b' saħħithom.

Iktar djalogu diplomatiku bejn il-gvernijiet ta' Malta u l-Bulgarija jista' jgħin biex jiġu identifikati aspetti ta' interess komuni, u tiġi inkoraġġita iktar kooperazzjoni bejn iż-

żewġ pajjiżi. Hemm ukoll l-aspett tar-relazzjonijiet ekonomiċi: l-identifikazzjoni ta' niċeċ ta' opportunitajiet ta' investiment bejn iż-żewġ pajjiżi. Nemmen ukoll li hemm opportunitajiet li bihom nistgħu nkabbru il-koperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u r-riċerka, kif ukoll l-iżvilupp tal-agreements fil-qasam tat-turiżmu li jista' jkabbar it-taħlit kulturali u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi.

3. **X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi u kummerċjali li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Bulgarija? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?**

   Malta ghandha hafna x'tista toffri lil-Bulgarija u vici versa. Kif diga elaborajt fil-mistoqsijiet ta' qabel nemmen li hemm opportunitajiet tajbin ħafna li minnhom jistgħu jibbenifikaw iz-zewg pajjizi f'oqsma li jitkabbar il-kummerċ. Dan jista' jsir permezz ta' skambji u trade missions, li jistgħu jgħinu biex mhux biss jiġi kkultivat l-għarfien, iżda wkoll tinbena il-fiduċja neċessarja biex dan il-kummerċ isir possibbli. Fost in-niċeċ li jistgħu joffru opportunitajiet tajbin għan-negozji Maltin hemm it-turiżmu, l-informatika, u it-tagħlim tal-Ingliż.

4. **Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?**

   Fost il-ftehim ta' kollaborazzjoni li jistgħu jiġu imħaddma iktar, nista' nsemmi il-memorandum of understanding fuq il-koperazzjoni fit-turiżmu. Mod tajjeb ta' kif jista' jizdied l-iskambju turistiku jista' jiġi minn titjiriet diretti iktar frekwenti bejn iż-żewġ pajjiżi.

   Nemmen ukoll li hemm opportunitajiet biex jiżdied id-djalogu politiku ħalli tissaħħaħ il-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiż. Jista' jsir ukoll isir sforz ikbar biex jitkattar aktar investiment, fosthom fil-qasam tal-informatika.

   Qafas importanti li nemmen ħafna fih jirrigwarda l-possibbilta` li Malta tkun tista' toffri t-taghlim tal-Ingliż lill-Bulgari gewwa Malta, kif ukoll jinfetħu skejjel tal-Ingliż b'investiment Malti gewwa l-Bulgarija.

   Nemmen ukoll li il-presenza ta' delegazzjonijet kumerċjali minn Malta jista' wkoll joffri spazji għal iktar koperazzjoni u titjib fir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi.

5. **Kif tara li Malta u l-Bulgarija jistgħu jikkollaboraw, possibilment anke b'ħidma minn kunsilli lokali sabiex jissaħħu relazzjonijiet diġà eżistenti? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok Bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur? U anke possibilment żieda ta' attività ekonomika relatata mat-turiżmu u s-settur tat-tagħlim tal-Ingliż?**

Għal dawn is-sitt snin fir-rwol ta’ Sindku, jien ħdimt qatiegħ biex iz-zewg pajjiżi isaħħu r-relazzjonijiet ta’ bejniethom. Kull sena, delegazzjoni mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar telghet il-Bulgarija biex tattendi għal festival folkloristiku internazzjonali. Hemmhekk, artisti Maltin kellhom l-opportunita` li jesebbixu l-ħiliet taghhom. F’wieħed mil-festivals, il-bandiera Maltija kienet ukoll preżenti billi ppartecipajna bi grupp folkloristiku Malti. Waqt din l-attivita internazzjonali jiena kelli l-okkazjoni li nagħmel diskors fejn kelli ċ-ċans nippromwovi il-kultura tagħna u t-talent Malti.

Fl-2017 organiżżajt konferenza internazzjonali fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Għal din il-konferenza ġew mistiedna diversi Sindki mill-Italja, il-Grecja u l-Bulgarija, kif ukoll l-Ambaxxaturi għall-Grecja u l-Bulgarija. Kien hemm ukoll preżenti l-Ambaxxatur Bulgaru u l-ex Prim Ministru tal-Bulgarija Marin Rajkov Nikolov. It-tema ta’ din il-konferenza dwar opportunitajiet ta’ fondi Ewropej li minnhom jistgħu jibbenifikaw għaqdiet u entitajiet lokali.

Kelli ukoll opportunita` oħra li inkun preżenti meta delegazzjoni Bulgara organiżżat konferenza fl-Italja li għaliha attenda l-Ministru tal-Affarijiet Barranin attwali Taljan, Antonio Tajani.

Nemmen ħafna li l-kollaborazzjoni u l-koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi tista' wkoll isseħħ fuq il-livell tal-Kunsilli Lokali. Il-ħidma tiegħi bħala Sindku f'dan l-aspett hija xhieda ta' dan. Mill-esperjenza tiegħi, konvinta li jista' jsir ħafna iktar.

Nemmen ukoll li it-tagħlim tal-Ingliż fil-Bulgarija jista' jkun opportunità tajba ħafna għal skejjel tal-Ingliż Maltin biex jimirħu lil hinn minn xtutna. Kemm id-daqs tal-Bulgarija, kif ukoll in-nuqqas kbir li hemm fit-tagħlim tal-Ingliż, u l-għatx għalih, jistgħu ikunu fatturi importanti ħafna għas-suċċess ta' investiment bħal dan.

Nemmen ukoll li hemm opportunitajiet kbar fil-qasam tat-turiżmu, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mat-turisti Maltin u Bulgari, kif ukoll għal dak li għandu x'jaqsam ma' investiment Malti fl-infrastruttura turistika tal-Bulgarija.

6. **Tista’ telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

   Minkejja li m’għandix esperjenza fi ħdan il-Korp Diplomatiku jew fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, nemmen li bl-għajnuna ta’ uffiċjali b'esperjenza vasta f'dan il-qasam, bir-rieda li nitgħallem iktar, u bil-kuntatti li diġà bnejt fil-Bulgarija, nista' nikkontribwixxi b'mod konkret għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. **Tista’ tispjega x’passi taħseb li għandhom jittieħdu sabiex jissodaw iktar ir-relazzjonijiet ta’ pajjiżna mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta’ pajjiżna?**

F’dawn l-ahhar tmien snin kelli l-opportunita` li nżur il-Bulgarija diversi drabi, kemm fuq żjarat uffiċjali bħala Sindku, kif ukoll mill-aspett turistiku. Dawn iż-żjarat għenuni nifhem aktar l-opportunitajiet li għandhom iż-żewġ pajjiżi biex jaħdmu iktar flimkien għal ġid tal-popli rispettivi tagħhom. L-iktar aspett importanti nemmen li huwa sforz akbar biex jitkattar l-iskambju u l-kollaborazzjoni fl-oqsma kulturali u kummerċjali. Inħoss li b'iktar għarfien reċiproku, iż-żewġ pajjiżi jistgħu jibbenefikaw minn xulxin; żewġ pajjiżi li huma f'pożizzjoni li issarrfu il-benefiċċji ta' sħubija fl-Unjoni Ewropea, permezz ta' iktar komunikazzjoni u kollaborazzjoni flimkien.

2. **Tista’ tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta’ pajjiżna?**

   l-iktar sfidi importanti, illi nemmen li jistgħu jiddawru f'opportunitajiet, jinkludu l-għarfien u l-possibilta` ta' iktar skambju fuq livell turistiku, kulturali u kummerċjali. Permezz tal-għarfien, tikber il-fiduċja, u magħha tikber ukoll ir-rieda ta’ iktar inizjattivi komuni bejn iż-żewġ pajjiżi.

   Nemmen ukoll li irid isir sforz anki f'Malta, biex il-komunità Bulgara, li qiegħda dejjem tikber, tiġi iktar integrata permezz ta' inizjattivi ta' għarfien u apprezzament tad-drawwiet u l-kultura rikka taż-żewġ popli.

3. **Tista’ tispjega x’inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta’ pajjiżna?**

   Nemmen li hemm diversi interessi komuni: fosthom, il-kultura, fejn nistgħu ninkoraġġixxu l-apprezzament tal-folklor u t-tradizzjonijiet tagħna permezz ta' skambji kulturali.

   It-turiżmu huwa opportunità għat-tkabbir ekonomiku kif ukoll opportunita biex iċ-ċittadini taż-żewġ pajjiżi japprezzaw dak li it-tnejn għandhom x'joffru.

   Hemm ukoll l-interess tal-Bulgarija biex fil-pajjiż tiġi mgħallma iktar il-lingwa Ingliża, u l-opportunità għall-imprendituri Maltin biex jinvestu f'dan il-qasam.

   Hemm ukoll interess bejn iż-żewġ pajjiżi biex isiru skambji ta’ training camps f’diversi dixxiplini sportivi, kif ukoll skambji ta' taħriġ u l-ħolqien ta' attivitajiet fil-qasam mużikali u fergħat oħra ta' arti.

   Bla dubju, is-sħubija komuni ta' Malta u l-Bulgarija fl-Unjoni Ewropea, toffri opportunità għaż-żewġ pajjiżi li jiddiskutu pożizzjonijiet li jistgħu jittieħdu b'mod komuni.

4. **Tista’ tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-pajjiż li tiegħu ġejt nominat biex isservi bħala ambaxxatur ta’ pajjiżna u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali f’dak il-pajjiż?**
   **il-pajjiż?**

Matul l-aħħar tmien snin kelli l-opportunità li nagħmel diversi żjarat fil-Bulgarija kemm fuq bażi ta' Kunsill Lokali, kif ukoll bħala turista mal-familja tiegħi.

Rigward investimenti, fl-aħħar tal-2019 ftaħt ħanut tal-ħwejjeġ f'Malta flimkien ma' persuna Bulgara. Il-ħwejjeġ jiġu impurtati minn *franchise* Bulgara li topera fil-Bulgarija stess.

Fl-impjieg tiegħi nirrappreżenta lid-Direttur tiegħi fil-konsorzju Chalet Bulgari, li kienet xtrat biċċa art ġewwa l-Bulgarija minn diversi kumpaniji Maltin u wieħed Franċiż. F'din il-kumpanija jien gejt innominata bhala 'company secretary'; pożizzjoni li minnha ma nirċievi l-ebda salarju.

**5. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?**

Qatt ma kont impjegata mal-Istat Malti, ħlief bhala Sindku, fejn nirċievi l-onorarja rispettiva.

**6. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?**

Nikkonferma li qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari. Ħdimt mill-qrib ma diversi Ministri u Segretarji Parlamentari fil-kariga tiegħi ta' Sindku.

**7. Tista' tindika jekk kontx involut f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?**

Qatt ma kont involuta f'xi ħidma diplomatika preċedenti fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

**8. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?**

Ma nara li għandi l-ebda kunflitt ta' interess f'każ li niġi afdata b'dan l-inkarigu.

**9. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport ta' pajjiż ieħor?**

L-uniku passaport li għandi huwa dak Malti.